# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-26 ta' Awwissu 2021**

**li tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2182 li tistabbilixxi l-aħħar tweġiba dwar l-importazzjoni f'isem l-Unjoni dwar l-importazzjoni futura ta' ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(2021/C 348 I/02)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ([1]), u b'mod partikolari t-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([2]),

Billi:

(1) Il-verifika żvelat żewġ żbalji fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2182 ([3]), li emendat ukoll l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 kien fiha Anness wieħed biss. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2182 jirreferi b'mod żbaljat għall-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Mejju 2014.

(3) Bi żball, it-tweġiba dwar l-importazzjoni għall-ażinfos-metil stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 ma ġietx inkluża fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2182 u għalhekk tħassret mill-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014. Ma kien hemm l-ebda intenzjoni li titħassar it-tweġiba dwar l-importazzjoni għall-ażinfos-metil mill-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u għalhekk jenħtieġ li terġa' tiddaħħal f'dak l-Anness.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2182 tiġi kkoreġuta skont dan.

(5) Billi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2182 tapplika mit-18 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li l-korrezzjoni tagħha tapplika wkoll minn dik id-data, peress li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar il-validità kontinwa u mhux interrotta tat-tweġiba dwar l-importazzjoni għall-ażinfos-metil,

([1]) ĠU L 201, 27.07.2012, p. 60.
([2]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzojni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2182 tat-18 ta' Diċembru 2020 li tistabbilixxi l-aħħar tweġiba dwar l-importazzjoni f'isem l-Unjoni dwar l-importazzjoni futura ta' ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 li tadotta deċiżjonijiet tal-Unjoni dwar l-importazzjoni għal ċerti sustanzi kimiċi skont dak ir-Regolament (ĠU L 433, 22.12.2020, p. 55)
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 li tadotta deċiżjonijiet tal-Unjoni dwar l-importazzjoni għal ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 152, 20.5.2014, p. 2).

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2182 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 li tadotta deċiżjonijiet tal-Unjoni dwar l-importazzjoni għal ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa sostitwit bl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni."

*Artikolu 2*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2182 huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-18 ta' Diċembru 2020.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Virginijus* SINKEVIČIUS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**Tweġiba dwar l-importazzjoni tal-ażinfos-metil**

ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE

UNEP

**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Pajjiż:** | **L-Unjoni Ewropea**<br>L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja)<br>Ir-Renju Unit – Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dment li ma jittawwalx, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bi ftit eċċezzjonijiet limitati, tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, u kull referenza għall-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tinftiehem li tinkludi r-Renju Unit. |

**TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | **Isem komuni** | Ażinfos-metil |
| 1.2 | **Numru tal-CAS** | 86-50-0 |

| | | |
|---|---|---|
| 1.3 | **Kategorija** | ☒ Pestiċida |
| | | ☐ Industrijali |
| | | ☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna |

**TAQSIMA 2 JEKK KIEN HEMM TWEĠIBA PREĊEDENTI, INDIKAZZJONI DWARHA**

2.1 ☒ Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☐ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: ……………..........................................

**TAQSIMA 3** **TWEĠIBA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA**

☒ **Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt)** **JEW** ☐ **Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)**

**TAQSIMA 4** **DEĊIŻJONI FINALI, SKONT IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI**

4.1 ☒ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☒ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

4.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

4.4 **Il-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom l-ażinfos-metil ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw, minħabba li din is-sustanza attiva mhijiex approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

**TAQSIMA 5** **TWEĠIBA INTERIM**

5.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

| |
|---|
| |

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Hemm deċiżjoni finali li qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv? ☐ Iva ☐ Le

5.5 **Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand is-Segretarjat:

| |
|---|
| |

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand il-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

| |
|---|
| |

Qed tintalab l-għajnuna ta' hawn taħt għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika mingħand is-Segretarjat:

| |
|---|
| |

---

**TAQSIMA 6 TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:**

Din is-sustanza kimika hija rreġistrata fil-pajjiż bħalissa? ☐ Iva ☒ Le

Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

**Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet:**

Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le

Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

**Rimarki oħra**

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p.1), li jimplimenta fl-UE s-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-NU, l-ażinfos-metil huwa kklassifikat bħala:

Toss. Akuta 2* – H 300 – Fatali jekk jinbela’.

Toss. Akuta 2* – H 330 – Fatali jekk jinxtamm.

Toss. Akuta Tossiċità Akuta 3* – H 311 – Tossiku meta jmiss mal-ġilda.

Sens. għall-Ġilda 1 – H 317 – Jista’ jikkawża reazzjoni allerġika fil-ġilda.

Akkwatiku Akut 1 – H400 – Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi.

Akkwatiku Kroniku 1 – H410 – Tossiku ħafna għall-organiżmi akwatiċi b’mod li jħalli effetti dejjiema.

(* = Din il-klassifikazzjoni għandha titqies bħala klassifikazzjoni minima)

F’komformità mad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE, l-ażinfos-metil huwa kklassifikat bħala:

T+; R26/28 – Tossiku ħafna jekk jinxtamm jew jekk jinbela’.

T; R24 – Tossiku meta jmiss mal-ġilda.

R43 – Jista’ jikkawża sensitizzazzjoni jekk imiss mal-ġilda.

N (perikoluż għall-ambjent); R50/53 – Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi, jista’ jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku.

| | |
|---|---|
| **TAQSIMA 7** | **L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA** |
| Istituzzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ għall-Ambjent |
| L-indirizz | Rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussell, il-Belġju |
| Isem il-persuna inkarigata | Dott. Juergen Helbig |
| Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata | Uffiċjal Prinċipali għall-Politika |
| Telefon | 32 2 298 85 21 |
| Faks | 32 2 296 76 16 |
| Email | Juergen.Helbig@ec.europa.eu |

Id-data, il-firma f’isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali: ____________________

**IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:**

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
I - 00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Faks: (+39 06) 5705 6347
E-mail: pic@pic.int

**JEW**

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Faks: (+41 22) 917 8082
E-mail: pic@pic.int

**Tweġiba dwar l-importazzjoni tal-etere tal-pentabromodifenil**

**ROTTERDAM CONVENTION**

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE

UNEP

**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

**Pajjiż:**

**L-Unjoni Ewropea**
L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja.

Ir-Renju Unit – Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dment li ma jittawwalx, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bi ftit eċċezzjonijiet limitati, tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, u kull referenza għall-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tinftiehem li tinkludi r-Renju Unit.

**TAQSIMA 1** **L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | **Isem komuni** | Etere tal-pentabromodifenil kummerċjali, li jinkludi:<br>– Etere tat-tetrabromodifenil<br>– Etere tal-pentabromodifenil |
| 1.2 | **Numru tal-CAS** | 40088-47-9 – Etere tat-tetrabromodifenil<br>32534-81-9 – Etere tal-pentabromodifenil |
| 1.3 | **Kategorija** | ☐ Pestiċida<br>☒ Industrijali<br>☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna |

**TAQSIMA 2** **JEKK KIEN HEMM TWEĠIBA PREĊEDENTI, INDIKAZZJONI DWARHA**

2.1 ☐ Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: …It-18 ta' Ġunju 2014..................................

**TAQSIMA 3** **TWEĠIBA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA**

☒ **Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt)** **JEW** ☐ **Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)**

**TAQSIMA 4** **DEĊIŻJONI FINALI, SKONT IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI**

4.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☒ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

4.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 ☒ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Skont ir-Regolament (UE) Nru 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-20 ta' Ġunju 2019 dwar pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45), it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-etere tal-pentabromodifenil kummerċjali huwa permess biss f'konformità mad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88), fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

L-importazzjoni tal-etere tal-pentabromodifenil kummerċjali hija permessa biss għat-tqegħid fis-suq u l-użu fil-kejbils jew fl-ispare parts għat-tiswija, għall-użu mill-ġdid, għat-titjib tal-funzjonalitajiet jew għat-titjib tal-kapaċità ta' dawn ta' hawn taħt:

(a) it-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) li tqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006;
(b) l-apparat mediku li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;
(c) l-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2016;
(d) l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll li tqiegħdu fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;
(e) l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali li tqiegħdu fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2017;
(f) l-EEE l-ieħor kollu li kien barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19) u li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2019;
(g) l-EEE li bbenefika minn eżenzjoni u li tqiegħed fis-suq qabel ma skadiet dik l-eżenzjoni, safejn hija kkonċernata l-eżenzjoni speċifika.

L-ispare parts huma ddefiniti bħala parti separata minn EEE li jistgħu jissostitwixxu parti minn EEE. L-EEE ma jistax jiffunzjona kif intenzjonat mingħajr dik il-parti tal-EEE. Il-funzjonalità tal-EEE terġa' tinkiseb jew titjieb meta l-parti tiġi sostitwita minn spare part.

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☒ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☒ Iva ☐ Le

4.4 **Il-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-etere tat-tetrabromodifenil huma pprojbiti fl-Unjoni, soġġetti għal ċerti eżenzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019, dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45).

---

**TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM**

5.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Hemm deċiżjoni finali li qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv? ☐ Iva ☐ Le

5.5 **Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand is-Segretarjat:

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand il-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

| |
|---|
| |

Qed tintalab l-għajnuna ta' hawn taħt għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika mingħand is-Segretarjat:

| |
|---|
| |

**TAQSIMA 6** **TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:**

| | | |
|---|---|---|
| Din is-sustanza kimika hija rreġistrata fil-pajjiż bħalissa? | ☐ Iva | ☒ Le |
| Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? | ☐ Iva | ☒ Le |

**Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet:**

| | | |
|---|---|---|
| Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-użu domestiku? | ☐ Iva | ☐ Le |
| Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-esportazzjoni? | ☐ Iva | ☐ Le |

**Rimarki oħra**

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p.1), li jimplimenta fl-Unjoni s-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-NU, l-etere tal-pentabromodifenil huwa kklassifikat bħala:
Latt. – H362 – Jista' jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa.
STOT RE 2 * – H373 – Jista' jikkawża ħsara fl-organi b'esponiment fit-tul jew ripetut.
Akkwatiku Akut 1 – H400 – Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi.
Akkwatiku Kroniku 1 – H410 – Tossiku ħafna għall-organiżmi akwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.
(* = Din il-klassifikazzjoni għandha titqies bħala klassifikazzjoni minima.)

**TAQSIMA 7** **L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA**

| | |
|---|---|
| Istituzzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ għall-Ambjent |
| L-indirizz | Rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussell, il-Belġju |
| Isem il-persuna inkarigata | Dott. Juergen Helbig |
| Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata | Koordinatur tal-Politika Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi |
| Telefon | 32 2 298 85 21 |
| Faks | 32 2 296 76 16 |
| Email | Juergen.Helbig@ec.europa.eu |

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali: ________________________________

**IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:**

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
I - 00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Faks: (+39 06) 5705 6347
E-mail: pic@pic.int

**JEW**

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Faks: (+41 22) 917 8082
E-mail: pic@pic.int

**Tweġiba dwar l-importazzjoni tal-etere tal-ottabromodifenil**

**ROTTERDAM CONVENTION**

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES IN INTERNATIONAL TRADE

**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

**Pajjiż:**

**L-Unjoni Ewropea**

L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja.

Ir-Renju Unit – Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dment li ma jittawwalx, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bi ftit eċċezzjonijiet limitati, tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, u kull referenza għall-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tinftiehem li tinkludi r-Renju Unit.

**TAQSIMA 1** **L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | **Isem komuni** | Etere tal-ottabromodifenil kummerċjali, li jinkludi:<br>– Etere tal-eżabromodifenil<br>– Etere tal-ettabromodifenil |
| 1.2 | **Numru tal-CAS** | 36483-60-0 – Etere tal-eżabromodifenil<br>68928-80-3 – Etere tal-ettabromodifenil |
| 1.3 | **Kategorija** | ☐ Pestiċida<br>☒ Industrijali<br>☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna |

**TAQSIMA 2** **JEKK KIEN HEMM TWEĠIBA PREĊEDENTI, INDIKAZZJONI DWARHA**

2.1 ☐ Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: …lt-18 ta' Ġunju 2014..................

**TAQSIMA 3** **TWEĠIBA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA**

☒ **Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt)** **JEW** ☐ **Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)**

**TAQSIMA 4** **DEĊIŻJONI FINALI, SKONT IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI**

4.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

4.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 ☒ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Skont ir-Regolament (UE) Nru 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-20 ta' Ġunju 2019 dwar pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45), it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-etere tal-ottabromodifenil kummerċjali huwa permess biss f'konformità mad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88), fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

L-importazzjoni tal-etere tal-ottabromodifenil kummerċjali hija permessa biss għat-tqegħid fis-suq u l-użu fil-kejbils jew fl-ispare parts għat-tiswija, għall-użu mill-ġdid, għat-titjib tal-funzjonalitajiet jew għat-titjib tal-kapaċità ta' dawn ta' hawn taħt:

(a) it-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) li tqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006;

(b) l-apparat mediku li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;

(c) l-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2016;

(d) l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll li tqiegħdu fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;

(e) l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali li tqiegħdu fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2017;

(f) l-EEE l-ieħor kollu li kien barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19) u li tqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2019;

(g) l-EEE li bbenefika minn eżenzjoni u li tqiegħed fis-suq qabel ma skadiet dik l-eżenzjoni, safejn hija kkonċernata l-eżenzjoni speċifika.

L-ispare parts huma ddefiniti bħala parti separata minn EEE li jistgħu jissostitwixxu parti minn EEE. L-EEE ma jistax jiffunzjona kif intenzjonat mingħajr dik il-parti tal-EEE. Il-funzjonalità tal-EEE terġa' tinkiseb jew titjieb meta l-parti tiġi sostitwita minn spare part.

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☒ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☒ Iva ☐ Le

4.4 **Il-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-etere tat-eżabromodifenil huma pprojbiti fl-Unjoni, soġġetti għal ċerti eżenzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019, dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45).

---

**TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM**

5.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Hemm deċiżjoni finali li qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv? ☐ Iva ☐ Le

5.5 **Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand is-Segretarjat:

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand il-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

| |
|---|
| |

Qed tintalab l-għajnuna ta' hawn taħt għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika mingħand is-Segretarjat:

| |
|---|
| |

---

**TAQSIMA 6 TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:**

| | | |
|---|---|---|
| Din is-sustanza kimika hija rreġistrata fil-pajjiż bħalissa? | ☐ Iva | ☒ Le |
| Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? | ☐ Iva | ☒ Le |

**Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet:**

| | | |
|---|---|---|
| Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-użu domestiku? | ☐ Iva | ☐ Le |
| Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-esportazzjoni? | ☐ Iva | ☐ Le |

**Rimarki oħra**

| |
|---|
| |

---

| **TAQSIMA 7** | **L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA** |
|---|---|
| Istituzzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ għall-Ambjent |
| L-indirizz | Rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussell, il-Belġju |
| Isem il-persuna inkarigata | Dott. Juergen Helbig |
| Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata | Koordinatur tal-Politika Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi |
| Telefon | 32 2 298 85 21 |
| Faks | 32 2 296 76 16 |
| Email | Juergen.Helbig@ec.europa.eu |

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali: ______________________________

**IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:**

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
I - 00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Faks: (+39 06) 5705 6347
E-mail: pic@pic.int

**JEW**

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Faks: (+41 22) 917 8082
E-mail: pic@pic.int

**Tweġiba dwar l-importazzjoni tal-aċidu perfluworoottansulfoniku, tal-perfluworoottansulfonati, tal-perfluworoottansulfonammidi u tal-perfluworoottansulfonili**

ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES IN INTERNATIONAL TRADE

UNEP

**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Pajjiż:** | **L-Unjoni Ewropea**<br>L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja.<br>Ir-Renju Unit – Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dment li ma jittawwalx, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bi ftit eċċezzjonijiet limitati, tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, u kull referenza għall-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tinftiehem li tinkludi r-Renju Unit. |

**TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | **Isem komuni** | Aċidu perfluworoottansulfoniku, perfluworoottansulfonati, perfluworoottansulfonammidi u perfluworoottansulfonili |
| 1.2 | **Numru tal-CAS** | In-numri rilevanti tal-CAS huma:<br>1763-23-1 – Aċidu perfluworoottansulfoniku<br>2795-39-3 – Perfluworoottansulfonat tal-potassju<br>29457-72-5 – Perfluworoottansulfonat tal-litju<br>29081-56-9 – Perfluworoottansulfonat tal-ammonju<br>70225-14-8 – Perfluworoottansulfonat tad-dietanolammina<br>56773-42-3 – Perfluworoottansulfonat tat-tetraetilammonju<br>251099-16-8 – Perfluworoottansulfonat tad-dideċildimetilammonju<br>4151-50-2 – N-etilperfluworoottansulfonammid<br>31506-32-8 – N-metilperfluworoottansulfonammid<br>1691-99-2 – N-etil-N-(2-idrossietil) perfluworoottansulfonammid<br>24448-09-7 – N-(2-idrossietil)-N-metilperfluworoottansulfonammid<br>307-35-7 – Fluworur tal-perfluworoottan u tas-sulfonil |

1.3 **Kategorija**

☐ Pestiċida

☒ Industrijali

☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

---

**TAQSIMA 2** **JEKK KIEN HEMM TWEĠIBA PREĊEDENTI, INDIKAZZJONI DWARHA**

2.1 ☐ Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: …It-18 ta' Ġunju 2014..................................

---

**TAQSIMA 3** **TWEĠIBA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA**

☒ **Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt)** **JEW** ☐ **Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)**

---

**TAQSIMA 4** **DEĊIŻJONI FINALI, SKONT IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI**

4.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

4.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 ☒ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

L-importazzjonijiet tal-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivati tiegħu (PFOS) iridu jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45), li jistipula dan li ġej:

1. Il-PFOS ma jistgħux jiġu mmanifatturati, jitqiegħdu fis-suq u jintużaw, kemm waħedhom u kemm f'taħlitiet jew bħala kostitwenti ta' oġġetti oħrajn.
2. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għall-PFOS li jinsabu traċċi tagħhom li jikkontaminaw is-sustanzi, it-taħlitiet jew l-oġġetti bla ħsieb, dment li
(a) il-konċentrazzjonijiet tal-PFOS ikunu 10 mg/kg (0,001% tal-piż) jew anqas meta jkunu f'sustanzi jew f'taħlitiet, jew

(b) il-konċentrazzjonijiet tal-PFOS fi prodotti nofshom lesti jew f'oġġetti, jew partijiet minnhom, ikunu inqas minn 0,1% tal-piż, ikkalkulati b'referenza għall-massa ta' partijiet strutturalment jew mikrostrutturalment distinti li fihom il-PFOS jew, għal tessuti jew materjali miksija oħrajn, jekk l-ammont ta' PFOS ikun inqas minn 1 μg/m2 tal-materjal miksi.

3. Il-PFOS jistgħu jiġu mmanifatturati u jitqiegħdu fis-suq għall-użi speċifiċi li ġejjin jekk il-kwantità tal-PFOS irrilaxxata fl-ambjent titnaqqas kemm jista' jkun, dejjem jekk l-Istati Membri jibagħtu rapport lill-Kummissjoni kull erba' snin dwar il-progress li jkun sar sabiex jiġu eliminati l-PFOS:

– aġenti li jrażżnu l-irxiex għall-kisi mhux dekorattiv bil-kromju (VI) iebes f'sistemi b'ċiklu magħluq.

---

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☒ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☒ Iva ☐ Le

4.4 **Il-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivati tiegħu (PFOS) huma pprojbiti fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019, dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.06.2019, p. 45). Madankollu, dak ir-Regolament jippermetti li jkun hemm eżenzjonijiet speċifiċi, li huma deskritti fit-Taqsima 4.3.

---

**TAQSIMA 5** **TWEĠIBA INTERIM**

5.1 ☐ **Ma hemm l-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hija pprojbita simultanjament mis-sorsi kollha? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni skont kundizzjonijiet speċifiċi biss**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess bħal dawk għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Hemm deċiżjoni finali li qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv? ☐ Iva ☐ Le

5.5 **Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand is-Segretarjat:

| |
|---|
| |

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali ta' hawn taħt mingħand il-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

| |
|---|
| |

Qed tintalab l-għajnuna ta' hawn taħt għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika mingħand is-Segretarjat:

| |
|---|
| |

**TAQSIMA 6 TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:**

Din is-sustanza kimika hija rreġistrata fil-pajjiż bħalissa? ☒ Iva ☐ Le

Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? ☒ Iva ☐ Le

**Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet:**

Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-użu domestiku? ☒ Iva ☐ Le

Din is-sustanza kimika hija maħsuba għall-esportazzjoni? ☒ Iva ☐ Le

**Rimarki oħra**

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p.1), li jimplimenta fl-Unjoni s-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-NU, l-aċidu perfluworoottansulfoniku (numru tal-CAS 1763-23-1) huwa kklassifikat bħala:

Toss. Akuta 4 * – H302 – Jagħmel il-ħsara jekk jinbela'.

Toss. Akuta 4 * – H332 – Jagħmel il-ħsara jekk jinġibed man-nifs.

Karċ. 2 – H351 – Suspettat li jikkawża l-kanċer.

Latt. – H362 – Jista' jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa.

STOT RE 1 – H372 – Jikkawża ħsara lill-organi b'esponiment fit-tul jew ripetut.

Akkwatiku Kroniku 2 – H411 – Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti dejjiema.

Ripr. 1B – H360D – Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf.
(* = Din il-klassifikazzjoni għandha titqies bħala klassifikazzjoni minima.)

| | |
|---|---|
| **TAQSIMA 7** | **L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA** |
| Istituzzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ għall-Ambjent |
| L-indirizz | Rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussell, il-Belġju |
| Isem il-persuna inkarigata | Dott. Juergen Helbig |
| Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata | Koordinatur tal-Politika Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi |
| Telefon | 32 2 298 85 21 |
| Faks | 32 2 296 76 16 |
| Email | Juergen.Helbig@ec.europa.eu |

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali: ____________________

**IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:**

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
I - 00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Faks: (+39 06) 5705 6347
E-mail: pic@pic.int

**JEW**

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Faks: (+41 22) 917 8082
E-mail: pic@pic.int